# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 27 t’April tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 194/01/SM**

**Air Malta p.l.c.**

**vs**

**Wings Couriers Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tliet mija u erbatax-il lira Maltija u erba’ u sittin centezmu (LM314.64,0) ghall-storage/handling ghall-“courier services” wara li c-cekkijiet emessi mis-Socjeta’ konvenuta ma gewx onorati billi rrizulta li l-istess socjeta’ konvenuta ma kellhiex fondi fl-akkont;**

**Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Settembru 2000 kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-24 t’April tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**